

Brussell, 23 ta' Marzu 2022  
(OR. en)

7528/22

AGRI 116  
ENV 271

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 1875 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta' 23.3.2022 li tawtorizza derogi mir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' ċerti kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-pagament ta' ekoloġizzazzjoni għas-sena tat-talba 2022

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument C(2022) 1875 final.

---

Mehmuż: C(2022) 1875 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 23.3.2022  
C(2022) 1875 final

## **DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta' 23.3.2022**

**li tawtorizza derogi mir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' ċerti kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-pagament ta' ekoloġizzazzjoni għas-sena tat-talba 2022**

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 23.3.2022

**li tawtorizza derogi mir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' ċerti kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-pagament ta' ekoloġizzazzjoni għas-sena tat-talba 2022**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 69(1) tiegħu,

Billi:

- (1) It-Titolu III, il-Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jipprevedi pagament għal prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent ("pagament ta' ekoloġizzazzjoni"). Dawk il-prattiki jinkludu d-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba' skont il-punt (a) tal-Artikolu 43(2), u erjas b'fokus ekoloġiku skont il-punt (c), tal-Artikolu 43(2) ta' dak ir-Regolament. Iktar regoli dwar dawk il-prattiki huma stabbiliti fil-Kapitolu 3 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014<sup>2</sup>.
- (2) L-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, jistabbilixxi li, għall-finijiet tad-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba', l-art mistrieħa titqies bħala wiċċ tar-raba' differenti mill-ħaxix jew minn foraġġ erbaċew ieħor. Dan jimplika li l-art li tkun intużat għar-ragħa jew għall-ħsad għall-finijiet ta' produzzjoni ma tistax tingħadd bħala art mistrieħa.
- (3) Il-punt (a), tal-ewwel subparagrafu, tal-Artikolu 46(2), tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, jistabbilixxi li erjas taħt art mistrieħa jistgħu jitqiesu bħala erjas b'fokus ekoloġiku. L-Artikolu 45(2) tar-Regolament Deleġat (UE) Nru 639/2014 jeħtieġ li ma għandux ikun hemm produzzjoni agrikola, u l-Artikolu 45(10b) ta' dak ir-Regolament jipprojbixxi l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, fuq art mistrieħa li tikkwalifika bħala erja b'fokus ekoloġiku.

<sup>1</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608.

<sup>2</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lil bdiewa skont skemi ta' appoġġ fi ħdan il-qafas tal-politika agrikola komuni u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament (ĠU L 181, 20.6.2014, p. 1).

- (4) L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fl-24 ta' Frar 2022 wasslet għal żieda qawwija fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi u għandha impatt fuq il-provvista u d-domanda għall-prodotti agrikoli. Sabiex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni, jenħtieġ li jiżied il-potenzjal tal-produzzjoni agrikola tal-Unjoni kemm għall-provvista tal-ikel kif ukoll tal-għalf.
- (5) Art mistrieħa tibqa' art li tinħarat adattata għall-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba' li, għalkemm fi gradi differenti skont il-kundizzjonijiet tagħhom bħall-kwalità tal-ħamrija, tista' tintuża immedjatament għall-produzzjoni tal-ikel u tal-għalf. Għalhekk, sabiex il-bdiewa jkunu jistgħu jagħmlu użu kemm jista' jkun mill-erjas disponibbli tagħhom għall-fini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-għalf tal-annimali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu awtorizzati jidderogaw mill-kundizzjonijiet relatati mal-pagament ta' ekoloġizzazzjoni, inkluż l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, għas-sena ta' talba 2022 fir-rigward tal-art mistrieħa li ġiet iddikjarata li tissodisfa r-rekwiżiti tad-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba' jew tal-erja b'fokus ekoloġiku f'konformita mal-Artikolu 44(4) u mal-punt (a), tal-ewwel subparagrafu, tal-Artikolu 46(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, rispettivament.
- (6) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tipprevedi biss derogi għall-obbligi tad-diversifikazzjoni tal-uċuħ tar-raba' u tal-erja b'fokus ekoloġiku sa fejn u għal perjodu li jkunu strettament meħtieġa. Jenħtieġ li d-derogi jkunu limitati għas-sena tat-talba 2022 u li jkollhom l-għan li jindirizzaw l-impatt fuq il-provvista u d-domanda għall-prodotti agrikoli billi jippermettu żieda fl-erja totali tar-raba' disponibbli għall-produzzjoni tal-ikel u tal-għalf.
- (7) Meta jiddeċiedu dwar l-applikazzjoni tad-derogi fl-erjas affettwati, jenħtieġ li daww l-Istati Membri jqisu b'mod xieraq l-oġettivi tal-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent u, b'mod partikolari, il-ħtieġa għal protezzjoni suffiċjenti tal-kwalità tal-ħamrija u tal-kwalità tar-riżorsi naturali u tal-bijodiversità, speċjalment matul l-iktar perjodi sensitivi għal meta joħorġu l-fjuri u għall-għasafar li jbejtu.
- (8) Sabiex jiġi żgurati li d-derogi awtorizzati b'din id-Deċiżjoni jkunu effettivi fid-dawl tal-oġettivi segwiti, jiġifieri mitigazzjoni taż-żieda fil-prezzijiet tal-komoditajiet u l-impatt fuq il-provvista u d-domanda, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-applikazzjoni tad-derogi fi żmien 21 jum mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni, u jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk id-deċiżjonijiet meħuda fi żmien sebat ijiem wara d-data li fiha jkunu ttieħdu d-deċiżjonijiet.
- (9) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja l-applikazzjoni korretta tad-derogi pprovduti hawnhekk kif ukoll l-impatt tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni dwar l-għadd ta' azjendi u ettari koperti mid-derogi. Jenħtieġ li dik l-informazzjoni tkun disponibbli għall-Kummissjoni sal-15 ta' Diċembru 2022 billi jintużaw l-istrumenti eżistenti ta' notifika.
- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

#### **Deċiżjonijiet li jidderogaw minn ċerti kundizzjonijiet relatati mal-pagament ta' ekoloġizzazzjoni għas-sena tat-talba 2022**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, għas-sena ta' talba 2022, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-art mistrieħa titqies bħala wiċċ tar-raba' distint anke jekk din l-art tkun intużat għar-ragħa jew għall-ħsad għall-fini ta' produzzjoni, jew tkun ġiet ikkultivata.

2. B'deroga mill-Artikolu 45(2) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 639/2014, għas-sena tat-talba 2022, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li dik l-art mistrieħa titqies bħala erja b'fokus ekoloġiku skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 46(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 anke jekk tali art tkun intużat għar-ragħa jew għall-ħsad għall-fini ta' produzzjoni, jew tkun ġiet ikkultivata. Għandu japplika l-fattur ta' ponderazzjoni stabbilit għall-art mistrieħa fl-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

B'deroga mill-Artikolu 45(10b) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 639/2014, meta l-Istati Membri jagħmlu użu mid-deroga msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, huma jistgħu jiddeċiedu wkoll li jippermettu l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti f'dawk l-erjas fejn intużaw għar-ragħa jew għall-ħsad għall-fini ta' produzzjoni jew fejn ġew ikkultivati.

### *Artikolu 2*

#### **Limitu ta' żmien**

Id-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom jittieħdu fi żmien 21 jum mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 3*

#### **Notifiki**

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1 fi żmien sebat ijiem wara d-data li fiha jkunu ttieħdu id-deċiżjonijiet.

2. Sal-15 ta' Diċembru 2022, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bin-numru ta' azjendi li użaw id-derogi previsti fl-Artikolu 1 u n-numru ta' ettari fejn daww id-derogi ġew applikati.

### *Artikolu 4*

#### **Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 23.3.2022

*Għall-Kummissjoni*  
*Janusz WOJCIECHOWSKI*  
*Membru tal-Kummissjoni*